MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 107/2008

**Guido Vella Limited**

**Vs**

**Jesmond Farrugia**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-Talba li biha l-attur talab illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma t'elf, tliet mija u tmienja u erbghin Euro u hamsa u erbghin centezmu (€1,348.45) – (Lm578.89) rapprezentanti prezz ta' prodotti mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut skond *statement of account* immarkat bhala Dok A anness mal-istess Avviz tat-Talba. Illi l-konvenut interpellat diversi drabi anke permezz tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Settembru, 2007 ipprezentat a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta baqa' inadempjenti. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali fuq imsemmija u skond it-taxxa annessa mal-Avviz

jammontaw ghal mija u tmintax-il Euro u tlieta u tletin centezmu (€118.33) - (Lm50.79) u bl-imghax kummercjali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi l-ammont mitlub mhux dovut izda huwa dovut minn Reuben Vella.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Ra illi l-konvenut moghti opportunità sabiex iressaq il-provi tieghu naqas milli jidher u jressaq il-provi.

Ra li ma gie prezentat l-ebda rikors fejn intalbet s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.

**Ikkonsidra**

Mid-dokumenti esebiti jirrizulta illi bejn Mejju 2004 u Dicembru 2004 saru diversi transazzjonijiet bejn is-socjetà attrici u l-konvenut li skond id-dokument kien qed jiggestixxi it-12th May Band Club f'Haz-Zebbug u finalment kien baqa' bilanc t'elf, mitejn u tletin Euro u tnax-il centezmu (€1,230.12) - (Lm528.09c).

Illi permezz ta' nota ipprezentata fid-29 ta' Mejju, 2008 is-socjetà attrici stess iddikjarat illi l-bilanc dovut huwa t'elf, mitejn u tletin Euro u tnax-il centezmu (€1,230.12) - (Lm528.09c) u mhux tal-ammont indikat fl-Avviz.

Illi ghalhekk it-talba attrici tisthoqq li tigi milqugha fl-ammont t'elf, mitejn u tletin Euro u tnax-il centezmu (€1,230.12) - (Lm528.09c) billi jirrizulta li sar l-bejgh lill-konvenut u li dan l-ammont ghadu dovut.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas is-somma t'elf, mitejn u tletin Euro u tnax-il centezmu (€1,230.12) - (Lm528.09c) bl-interessi b'effett mis-6 ta' Lulju, 2004 (data tal-ahhar konsenja) sad-data ta' pagament effettiv. Bl-ispejjez komprizi mija u tmintax-il Euro u tlieta u tletin

centezmu (€118.33) -  (Lm50.79) tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Settembru, 2007 indikata fl-Avviz kontra l-konvenut.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikatur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------